ċertament ta l-opportunità lil dan l-awtur biex jaħseb aktar fil-fond dwar il-personal. Element ieħor li wieħed allura joħroġ hu kif it-temi soċjali u psikoloġiċi joħorġu mill-persuna. Spiss dawn it-temi narawhom trattati minn barra, b'mod astratt jew ġeneriku. Hawnhekk qed naraw lil Karmnu li spiċċa barra minn daru. Wara kull problema hemm isem. U dak l-isem u ta' persuna.

Dan il-ktieb jinkiseb mill-ħwienet ewlenin.

### Stejjer qosra minn Joe Friggieri; Pubblikazzjoni: Kite

Jekk qed nitkellmu dwar stejjer qosra ċertament żgur ma ninstgħux ma nsemmux lil Joe Friggieri. Biżżejjed insemmu l-aħħar kotba minn din is-sensiela:

Nismagħhom Jgħidu (2016), Il-Gżira l-Bajda u Stejjer Oħra (2017), Il-Fiera tal-Fuħħar u Stejjer Oħra (2018) u Widnet il-Baħar u stejjer oħra (2020).

Joe Friggieri jikteb b'mod mexxej, u jlaqqat elementi ta' umoriżmu ma' oħrajn ta' suspans. Dawn il-kuntrasti huma dawk li jagħmlu dawn il-kitbiet pjaċevoli. L-istil tiegħu hu li jirrakonta storja, bħalma qabel (għalkemm jalla din id-drawwa ma tispiċċax) kien isir b'mod orali. Tiftakaru l-istejjer kienu jibdew, "Darba waħda?" Le mhux kull storja ta' Friggieri tibda hekk, imma dejjem kważi jġiegħel il-qarrej jaħseb li din ġrat tabilħaqq.

L-aktar elementi komuni li nara f'Joe Friggieri huma dawn:

Joffri sfont differenti u f'firxa wiesgħa ta' perjodi ta' żmien. Għandna stejjer riċenti u oħrajn joħduna lura fiż-żmien.

Iżewweġ b'mod tajjeb l-element ta' misteru u kurżità mar-realiżmu.

Ranier Fsadni f'kumment dwar l-istejjer ta' Joe Friggieri jgħid li 'L-effett tal-istil minimalista ta' kif jikteb Joe Friggieri hu li, għalkemm qed jirrakkonta – u allura l-istorja għandha bidu u tmiem – l-istejjer jieħdu xejra leġġendarja anki meta jkun qed jikteb dwar l-affarijiet ta' kuljum. U l-leġġendi, kif nafu, la għandhom bidu u lanqas tmiem. Jidwu dejjem madwarna... Il-proża poetika ta' Joe Friggieri qatt ma titlef mis-sempliċità. L-istejjer kollha huma qishom għadira ċara li fiha, aħna u għaddejjin, nilmħu xi ħaġa tleqq, u allura nduru lura b'ħarsa aktar attenta. Is-seħer tal-aħjar novelli hu li, bla ma tobsor, malli tħares lura tieħu lemħa ta' x'hemm quddiem, jistenna.'

Friggieri għandu ħabta juża strateġiji narrattivi differenti, fejn f'xi drabi juża l-ewwel persuna waqt li oħrajn iħalli l-protagonisti jirrakontaw. Ikun xi jkun l-istil li jaddotta dejjem jinvolvi l-qarrej; iħallina naħsbu. Nistqarr li xi stejjer baqgħu jidwu f'moħħi u xi kultant anke jwasslu għal dibattitu enormi. Tiġini f'moħħi "Dritt għal punt" fejn wieħed jista' jwessa l-argument anke għar-realtajiet tal-lum. Element ieħor li nsibu f'xi stejjer hu dak tas-sorpriża.

Kil-kobor ta' dan l-awtur hu li l-ekonomija tal-kliem ma tnaqqas xejn mill-ġmiel li jżejjen din il-kitba. Toħroġ sew fil-kisra tal-lingwa kif użata f'dawn in-novelli.

Joe Friggieri hu Professur tal-Filosofija l-Università ta' Malta. Ix-xogħlijiet akkademiċi tiegħu jinkludu żewġ kotba fuq il-filosfu Ingliż J.L. Austen u 'In-Nisġa tal-Ħsieb', l-ewwel storja tal-filosofija bil-Malti, fi tliet volumi (2000, 2007, 2014). Fil-qasam letterarju kiteb u ppubblika tliet ġabriet ta' poeżija ('Intervalli', 'Kadenzi' u 'Mitt Ħajku'), ħames drammi twal ('Mid-Djarju ta' Sara', Tkun Darb'oħra Mikelanġ', 'Trappisti', 'Caravaggio: l-Inkjesta', u 'L-Għanja taċ-Ċinju'), u ħafna stejjer qosra, fosthom 'l-Istejjer tar-Ronnie' (1992 u 2007), li kisbu popolarità kbira fost l-istudenti u l-għalliema, 'Ħrejjef għal Żmienna' (1996 u 2015) li nqalbu għall-Ingliż, il-Franċiż u l-Ġermaniż, 'Nismagħhom Jgħidu' (Kite, 2016) u 'Il-Gżira l-Bajda' (Kite, 2017).




### Magna™ Mater ta' Loranne Vella permezz ta' YouTube

Il-litteriżmu diġitali hu l-qasam professjonali tiegħi u ċertament nitgħaxxaq meta nara xi inizjattiva bħal din fejn l-awtriċi tesperimenta bil-mezzi diġitali u tgħaqqadhom ma' dawk letterarji.

L-2020 hi s-sena li fiha jseħħ l-avvenimenti tar-rumanz għall-adolexxenti tal-Merlin Publishers, Magna™ Mater. It-temi tar-rumanz ta' Loranne Vella - it-tibdil fil-klima, il-media soċjali, l-ideoloġiji tal-lemin estrem, il-bullying kemm online kif ukoll offline - saru aktar u aktar rilevanti tul id-disa' snin minn meta ġie ppubblikat il-ktieb fl-2011. Magna™ Mater iseħħ f'Malta maħkuma minn kundizzjonijiet estremi tat-temp fi żmien meta l-protagonista, Elizabeth, appik li tagħti bidu għall-ħajja tagħha bħala adulta kif ukoll li tiffaċċa l-passat tal-familja tagħha u tagħraf verament min hi. Fl-aħħar wasal iż-żmien li tiskopri l-verità dwar il-ħabib tagħha ta' tfulitha, u tara, l-ewwel u qabel kollox, qattx verament eżista jew le.

L-iskatepark ta' Tal-Qroqq hu post prominenti fir-rumanz. Hawnhekk isseħħ ir-rivalità bejn l-iskejters u l-isbejders, żewġ gruppi ta' skejters li d-differenzi tagħhom imorru lil hinn mill-istil tal-iskating u l-forma tal-boards tagħhom. Dawn iħaddnu filosofija talħajja radikalment differenti minn ta' xulxin, u filwaqt li l-pjaneta riesqa lejn futur inċert għall-aħħar, il-protagonisti żgħażagħ tar-rumanz iridu jagħżlu fuq liema naħa se joqogħdu.

Hawnhekk, Loranne Vella taqra mir-rumanz f'episodji fuq Youtube, fejn kull episodju jirrappreżenta kapitlu mill-ktieb.

Loranne Vella hi kittieba, attriċi u traduttriċi. Fl-1992 ħolqot il-grupp teatrali esperimentali Aleateia, u fl-2007-9 ippubblikat It-Triloġija tal-Fiddien flimkien ma' Simon Bartolo. Kitbiet oħra tagħha jinkludu dawn l-erbat ikmamar l-għandi; Rokit, rumanz għall-adulti li fl-2018 rebaħ il-premju Nazzjonali tal-Ktieb; u l-iktar xogħol riċenti tagħha, il-ġabra ta' stejjer qosra mill-bieb 'il ġewwa. Loranne ittraduċiet sensiela ta' kotba għat-tfal mill-Franċiż għall-Malti u hija rebbieħa ta' diversi premji għall-kitba u t-traduzzjoni. Fl-2017 waqqfet Barumbara Collective fi Brussell, proġett interdixxiplinari performattiv li jgħaqqad bosta artisti Maltin u barranin.